# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t' Ottubru, 2016

Appell Nru: 40/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Nazzareno Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Nazzareno Formosa, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-nurmu 811550M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Ottubru, 2013, u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, caqlaq illegalment annimali u dan bi ksur tal-artikolu 35(c)(iii) tal-Kap 437;

Rat is-sentenza tal-istess Qorti ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2015, li biha ma sabitx lill-appellat hati u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ssib lill-appellat Nazzareno Formosa ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa maghmul bis-sahha tal-artikolu 58(2) tal-Kapitolu 437 tal-ligijiet ta' Malta fejn l-Avukat Generali ghandu jedd ta' appell minn kull sentenza mill-Qorti tal-Magistrati ghar-rigward ta' procedimenti ghal reati kontra dan l-Kapitolu;

2. Illi l-fatti saljenti ta' dan il-kaz huma s-segwenti: Meta membri tas-Servizzi Veterinari marru fil-farm tal-appellat biex jghamlu censiment tal-annimali hemm mizmuma nnotaw illi flimkien mas-seba annimali debitament registrati tal-appellat kien hemm erba' moghziet mhux registrati, bla comba, u wahda minnhom bit-toqob tac-comba. Wara li l-appellat, msejjah fuq il-post bhala sid il-farm, informa lill-ufficjali li dawk mhux registrati ma kienux jappartjenu lilu, huma ghaddew biex jeliminaw l-istess skond ir-regolamenti;

3. L-ewwel Qorti lliberat lill-appellat minn kull htija wara li kkunsidrat illi wara li rat l-artikoli tal-ligi ma sabitux hati. L-Avukat Generali jargumenta illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni abbazi tal-fatti li fl-istadju tal-provi difiza, l-appellat stqarr li kien kera xi parti mill-fond tieghu lil terza persuna u li dawk l-annimali ghalhekk kienu ta' dak it-terz. Bid-dovut rigward, l-ewwel Qorti ma indikat l-ebda raguni ghal-tali liberazzjoni u ghalhekk ma tistghax din il-Qorti tifhem kif l-Avukat Generali kkonkluda b'dan il-mod. Minn qari tal-prosegwiment tar-rikors tal-appell, jidher illi l-Avukat Generali qieghed jargumenta illi l-appellat kellu jinstab hati anke jekk kien kera parti mill-farm lil-terzi la darba dawk l-annimali mhux registrati instabu fil-parti tal-farm tieghu u mhux fil-parti mikrija lit-terz;

4. Illi tajjeb ghalhekk li jkun senjalat illi l-prosekuzzjoni ressqet il-prova illi l-farm fejn instabu dawn l-annimali jappartjeni fl-intier

tieghu u huwa licenzjat lill-appellat. L-appellat izda xehed illi huwa kien kera parti mill-farm lill-Mohamed Kasem u lill-Hamed Kasem minkejja li deheru fuq l-iskrittura ta' lokazzjoni Mohamed Kasem u martu wahidhom b'din tal-ahhar rapprezentata mill-istess Mohamed Kasem. Il-lokazzjoni kienet tal-fond konsisteni f'zewg garages u l-bitha ta' quddiemu inkluz it-tinda ta' gewwa l-bitha u l-art ta' taht it-tinda mmarkata bin-numri ufficcjali 3 u 4 u mgharuf bl-isem Lajmecc Farm bil-permess ta' store. L-iskrittura lokatizja ma tistipulax l-uzu li ghandu jsir mill-fond izda fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-appellat jghid illi l-iskop tal-kirja kien sabiex l-inkwilin iqieghed fil-fond l-armar tieghu u affarijiet tal-hadid konnessi max-xoghol tieghu ta' bajjad kif ukoll biex izarma xi crane. Huwa spjega kif fil-fatti kera nofs ir-razzett tieghu bl-uzu tal-entratura unika tal-farm. Spjega ukoll illi l-bitha hija maqsuma f'diversi sezzjonijiet b'hitan ta' erba filati biex jissepara annimali minn ohra skond il-htiega;

5. Minn ezami tad-deposizzjoni tal-appellat jemergi illi huwa kera mhux biss l-istore izda nofs ir-razzett li jakkludi ukoll uhud minn dawn ir-recinti u li l-annimali li introduca t-terz u li qatt ma kien rahom qabel, kienu bilfors qabzu mir-recint mikri lit-terz ghar-recint tieghu. Dan jikkonfermah ukoll Ahmed Kasem li xehed quddiem din il-Qorti u li kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq l-istess mertu wara ammissjoni tieghu. Kasem jghid ukoll illi dawk l-annimali kien xtrahom madwar gimgha qabel u ma kienx qal lill-appellat bihom u dahhalhom fil-garage fejn kien ihalli l-annimali tieghu l-istess appellat. L-annimali mhux registrati setghu qabzu minn recint ghall-iehor ghaliex il-hitan huma baxxi izda l-appellat qatt ma rahom hemmhekk;

6. Issa kif jargumenta l-Avukat Generali, d-disposizzjoni tal-ligi li dwarha kien imputat l-appellat, l-artikolu 35(c)(iii) [*recte:* 35(1)(c)(iii)] tal-Kapitolu 437 tipprovdi illi "*Kull min ikun is-sid, id-detentur, in-negozjant, jew l-importatur, id-destinatarju, it-trasportatur, il-bejjigh bl-imnut……, ghandu josserva kull obligazzjoni imposta taht dan l-att …u dawk il-persuni ghandhom jindentifikaw u jirregistraw annimali u*

*jiddikjaraw ic-caqlieq ta' annimali li jkunu taht ir-responsabilita' taghhom.* L-Avukat Generali jikkwerela illi l-appellat kien id-detentur tal-annimali *de quo* u li ma ngiebet l-ebda prova dokumentarja minn Mohamed Kasem li dawk kienu tieghu, liema persuna tfaccat biss fl-istadju difiza ta' dawn il-proceduri. Din il-Qorti ma taqbilx mar-raggjonament tal-Avukat Generali. Wiehed mill-ispetturi stess xehed illi waqt il-process tal-eliminazzjoni tal-annimali Khassem stess talbu sabiex almenu ihallilu wiehed minnhom. Dan Kasem, fuq ammissjoni tieghu stess, tressaq u kien kundannat mill-Qorti tal-Magistrati. Inoltre *qua* detentur, kellu jintwera l-animu tal-appellat li jiddetjeni dawk l-annimali u mhux biss li kienu fuq il-farm tieghu ghaliex il-presenza taghhom hemm kien ad insaputa tal-istess appellat;

7. Mohamed Kasem xehed illi huwa kien heba l-presenza tal-annimali mill-appellat. Ghad illi l-azzjoni tal-appellat, igifieri d-divizzjoni tal-farm u kirja tieghu lil terzi tista' tikkwalifika bhala ksur ta' obbligu iehor naxxenti minn din jew ligi ohra, certament illi f'dan il-kaz mghandux jinstab hati tal-azzjoni ta' terzi meta ma kienux minnu mgharufa. Dan qed jinghad minkejja il-konsegwenzi serji li tista' talvolta ggib maghha z-zamma ta' annimali mhux registrati b'mod partikolari meta dawn jithaltu ma' annimali registrati specjalment meta intizi ghal konsum. Huwa f'dan l-ispirtu li l-Kapitolu 437 jobbliga lil kull min hu involut f'dan il-qasam li josserva skrupolozament l-ligijiet tal-pajjiz. Issa minkejja l-hidma iebsa u f'waqtha tal-ispetturi veterinarji, l-appellat mghandux iwiegeb ghal xi nuqqas in rigward;

8. Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed ikun michud.